MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2022

Appell Inferjuri Numru 118/2021 LM

**M.D. Razu Miah (K.I. 272122A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati**
*('id-Direttur appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **M.D. Razu Miah (K.I. 272122A)**, hawnhekk 'l-appellant', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, (minn issa 'l quddiem 'il-Bord'), tat-18 ta' Ottubru, 2021 (minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'), li permezz tagħha l-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent mid-deċiżjoni tal-Aġenzija Identità Malta tal-20 ta' Mejju, 2021.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent, detentur ta' passaport maħruġ mill-Bangladesh, applika għal *single permit* mal-aġenzija Identity Malta. Din it-talba ġiet miċħuda minn Identity Malta wara li l-aġenzija JobsPlus ma tatx l-approvazzjoni tagħha għal tali permess, u dan wara li l-kumpannija li magħha r-rikorrent kellu jibda impjieg baqgħet ma pprovdietx id-dokumenti kollha mitluba minnha. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni.

**Mertu**

3. Fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Bord, ir-rikorrent spjega li d-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta hija nulla għaliex skont ir-Regolament 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, deċiżjoni bħal din kellha tiġi notifikata lill-applikant, iżda f'dan il-każ tali deċiżjoni ntbagħtet lill-*employer* prospettiv tiegħu. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa baqa' ma ġiex infurmat li fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet relattivi kien hemm ksur tar-Regolament 16 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja, billi huwa ma ġiex infurmat bil-miktub li kien hemm xi dokumentazzjoni jew informazzjoni nieqsa, u billi huwa ma ngħatax żmien raġonevoli biex jissottometti kwalsiasi dokumentazzjoni jew informazzjoni li tħalliet nieqsa fl-applikazzjoni tiegħu. Qal ukoll li d-deċiżjoni tal-Bord hija waħda ġenerika u ma tippermettix li hu jagħmel użu effettiv mid-dritt ta' appell, u li hu tpoġġa f'sitwazzjoni fejn jiddependi mill-ħniena tal-*employer* prospettiv sabiex isir jaf ir-raġuni għaliex l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda. Qal li għalhekk l-Aġenzija Identity Malta għandha vantaġġ konsiderevoli fuqu fis-sens li qabel tippreżenta r-risposta tagħha, din tista' tagħmel l-indaġni tagħha mal-

awtoritajiet governattivi rilevanti, filwaqt li huwa għadu sprovvist mill-fatti saljenti tal-każ. Ir-rikorrent eċċepixxa wkoll li d-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta hija infondata fil-fatt u fid-dritt għaliex l-appellant sar jaf mingħand l-*employer* prospettiv li l-*feedback* relattiv fil-fatt ingħata lill-JobsPlus. Permezz tal-appell tiegħu quddiem il-Bord għalhekk ir-rikorrent talab lill-Bord jiddikjara li d-deċiżjoni appellata hija nulla *ab initio,* kif ukoll sabiex jiddeċiedi li fi kwalunkwe każ, ladarba l-*feedback* relattiv ġie mgħoddi lill-awtoritajiet kompetenti, is-*single permit* li huwa applika għalih għandu jinħareġ.

4. L-intimat **id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati**, minn issa 'id-Direttur intimat' wieġeb li fl-20 ta' Mejju, 2021, l-Aġenzija Identity Malta kienet ħarġet ittra ta' rifjut għaliex l-aġenzija JobsPlus kienet infurmatha li l-*employer* prospettiv tal-applikant ma kienx ipprovda l-*feedback* neċessarju mitlub minnu. Waħda mill-provi miġjuba quddiem il-Bord fil-fatt kienet *email* tas-6 ta' Mejju, 2021, li permezz tagħha ċerta Bernardette Vella f'isem il-JobsPlus bagħtet *email* lil Kyle Sciberras, direttur tal-kumpannija SC Innovative Concepts Finance, li magħha kellu jaħdem ir-rikorrent, fejn talbet evidenza dwar kuntratti ta' xogħol futuri kif ukoll ġustifikazzjoni għall-pożizzjoni li kellu jokkupa r-rikorrent. Sciberras naqas milli jirrispondi dwar l-informazzjoni mitluba minnu. Id-Direttur intimat qal li għalhekk ma setgħetx issir id-*due diligence* neċessarja fir-rigward tar-rikorrent. Qal li in vista tan-nuqqas ta' rakkomandazzjoni għall-ħruġ tal-permess mitluba minn JobsPlus, l-Aġenzija

Identity Malta ħarġet ittra ta' rifjut *ai termini* tal-artikolu 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17.[1]

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Ottubru, 2021, il-Bord iddeċieda li l-appell ippreżentat mir-rikorrent m'għandux jiġi milqugħ, u dan in vista tal-fatt li l-*employer* prospettiv tar-rikorrent naqas milli jippreżenta d-dokumenti mitluba minnu, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"This is an appeal from a decision issued by Identity Malta on the 20th of May, 2021, wherein Identity Malta informed appellant that his application has been refused on the basis that, "*the said application has been refused as you failed to provide the relevant feedback to Identity Malta."
>
> *On the 21st of May, 2021, appellant lodged an appeal in accordance with Chapter 217 of the Laws of Malta.*
>
> *The Immigration Appeals Board will examine appellants' appeal in terms of law and consider appellants' plea wherein this Board is being requested to revoke the abovementioned decision issued by Identity Malta and also to declare the Director's decision null ab initio for reasons mentioned in appellants' appeal.*
>
> ***Facts of the case***
>
> *A still abroad single permit application was filed on behalf of the appellant by appellant's prospective employer. In actual fact application indicated to the stakeholders a local email address, which email address was also used as a means of correspondence between the stakeholders and appellant's prospective employer. In his appeal appellant states that Identity Malta Agency breached regulation 16 of S.L. 217.17 when it failed to notify appellant in writing requesting him to present missing*

[1] *"Following the necessary internal consultations with the pertinent authorities as to whether the third-country national has been granted permission to work in Malta in accordance with article 11(3) of the Act, the pertinent authorities shall assess such application on the basis of labour market requirements, established volumes of admission, or any other exceptional circumstances that may be deemed justified, the Director shall adopt a decision on the complete application, as soon as possible, and in any event within four months of the date on which the application was lodged:*
*Provided that this time limit may be extended in exceptional circumstances linked to the complexity of the examination of the application."*

*documents required for the continuation of the processing of his application. Appellant is requesting the Immigration Appeals Board to declare null Identity Malta's decision of the 19th May, 2021.*

*With all due respect, the Immigration Appeals Board does not agree with such reasoning. It has resulted that throughout the whole process it was the appellant's prospective employer the person indicated by appellant himself who was communicating with the stakeholders. In his application, which was endorsed by his prospective employer, appellant indicated and instructed stakeholders to communicate with his prospective employer by indicating a local email address. Now that appellant was informed that his application has been rejected, appellant invokes nullity of the whole process.*

*It was the appellant's prospective employer who throughout the whole process of the application the person with whom one of the stakeholders was corresponding in order to obtain all required documents for the processing of the said application. In actual fact prospective employer has presented email correspondence exchanged with the relevant stakeholders.*

*In his reply the Director for Citizenship and Expatriates Affairs reiterated that electronic mail was sent using the email address indicated on the application.*

*Article 15 Sub Legislation 217.17, states that the Director shall notify the decision on the application to the applicant in writing. In this case who is the applicant, the appellant or the prospective employer who endorsed the application and was the intermediary with whom the stakeholders were communicating, this with the blessing of the appellant who also included his prospective employer's electronic address?*

*Whilst regulation 16(1) continues stating that if the information or documents in support of the application are incomplete, the Director shall notify the applicant in writing of the additional information or documents required, setting a reasonable deadline for the applicant to provide them and, in such case, the time limit referred to in regulation 12 shall be suspended until the Director has received the additional information. Appellant's prospective employer was also summoned by appellant's legal represented to testify and confirmed that JobsPlus, one of the stakeholders, communicated with him via electronic mail (fn. 6 Email sent by JobsPlus on the 23rd of April, 2021) requesting him to submit the missing documents. In their email dated 23rd April, 2021, Jobsplus specifically indicated a time frame, and if documents were not received by the 30th of April, 2021, application would be refused. Documents were received by JobsPlus on the 19th of May, 2012* (sic!) *and for this reason Identity Malta*

*refused said application. Prospective employer's respresentative answered in the affirmative when asked whether a formal extension to present missing documents was requested. However this was done through a telephone call and not by electronic mail.*

*(2) The Director may reject an application if the additional information or documents referred to in sub-regulation (1) are not provided within the deadline set out in that sub-regulation.*

*In the preamble of EC Directive 2011/98/EU of the European Parliament and of the Council of 13 December, 2011 on a single application procedure for a single permit for third-country nationals to reside and work in the territory of a Member State and on a common set of rights for third-country workers legally residing in a Member State, Article 10 of the directive states that the obligation on the Member States to determine whether the application is to be made by a third-country national or by his or her employer should be without prejudice to any arrangements requiring both to be involved in the procedure. The Member States should decide whether the application for a single permit is to be made in the Member State of destination or from a third country. In cases where the third-country national is not allowed to make an application from a third country, Member States should ensure that the application may be made by the employer in the Member State of destination.*

*In this case application was made by the appellant, endorsed by the employer locally, thus presented by appellant's prospective employer and not by the third country national, that is the appellant.*

*Article 2 paragraph (d) of the Directive refers to 'single application procedure' as any procedure leading, on the basis of a single application made by a third-country national, or by his or her employer, for the authorisation of residence and work in the territory of a Member State, to a decision ruling on that application for the single permit.*

*It is very obvious that application was presented by the prospective employer on behalf of the prospective employee, that is the appellant and all subsequent correspondence was done tramite the prospective employer and not the prospective employee.*

***Decide***

*The Board after having examined appellant's appeal, various witnesses and documents presented rejects appellant's request to declare decision issued by Identity*

*Malta as null and for reasons mentioned above declares that Identity Malta was correct in issuing its decision and serving it on appellant's prospective employer.*

*In respect to appellant's request to declare and instruct Identity Malta to issue the relative single permit to appellant, the Immigration Appeals Board does not uphold such a request in view of the fact that it was the prospective employer who failed to abide by the instructions as given.*

*For these reasons the appeal is being rejected."*

## L-Appell

6. L-appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fit-28 ta' Ottubru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, kif ukoll talab lil din il-Qorti tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex dan jgħaddi għal deċiżjoni dwar it-talbiet tal-appellant wara li l-istess Bord jikkonsidra dak li tkun iddeċidiet dwaru din il-Qorti fis-sentenza tagħha. L-appellant qal li l-aggravju ewlieni tiegħu huwa li l-Bord naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett.

7. L-appellant spjega li meta huwa applika sabiex jingħata s-*single permit* skont il-L.S. 217.17, huwa għamel użu mill-formula intestata '*CEA Form C*', li għandha spazju sabiex fuqha jiġu indikati diversi indirizzi, fosthom l-indirizz tal-applikant f'Malta, l-indirizz tal-applikant f'pajjiżu stess, u l-indirizz tal-persuna jew tal-kumpannija li tkun ser timpjega lill-applikant, bl-*email addresses* tal-applikant u ta' min ikun ser jimpjegah. Qal li quddiem il-Bord huwa ilmenta mill-fatt li l-Aġenzija Identity Malta naqset milli timxi mar-Regolament 15 tal-L.S. 217.17, meta minflok bagħtet id-deċiżjoni tagħha lill-applikant fl-indirizz residenzjali tiegħu hawn Malta, din bagħtet id-deċiżjoni tagħha lill-*prospective*

*employer* tiegħu. Qal li l-L.S. 217.17 hija ċara u trid li l-applikant ikun dejjem individwu. Il-fatt li l-applikazzjonijiet għal *single permit* jiġu sottomessi lill-Aġenzija Identity Malta tramite *portal* online, ma jbiddel xejn minn dan il-fatt. Qal li għalhekk mhux magħruf għal liema raġuni l-Aġenzija għażlet li tibgħat id-deċiżjoni tagħha lill-*prospective employer* u mhux lill-appellant personalment, meta hija kellha d-dettalji kemm tal-applikant kif ukoll ta' min kien sejjer jimpjegah. Qal li għalhekk il-Bord żbalja meta ma rriskontra l-ebda difett min-naħa tal-Aġenzija f'dan ir-rigward, partikolarment għaliex il-Bord irrikonoxxa li l-korrispondenza saret mal-*prospective employer* u mhux mal-applikant.

8. L-appellant qal ukoll li anki meta l-Aġenzija JobsPlus ikkuntattjat lill-*prospective employer* tiegħu sabiex dan jipprovdilha xi *feedback,* dik it-talba kienet nulla *ab initio* għaliex JobsPlus naqset milli almenu tikkopja lill-appellant fl-*email* relattiv. Qal li dan huwa difett li faċli jissewwa, u meta JobsPlus tibgħat talba għal informazzjoni jew dokumentazzjoni ulterjuri, tali talba għandha ssir mhux biss lill-*prospective employer,* iżda anki lill-applikant personalment. L-appellant qal li huwa għal dawn ir-raġunijiet li l-Bord żbalja meta qal li kien unikament tort tal-*prospective employer* li naqas li jikkoopera mal-JobsPlus meta ma bagħatx il-*feedback* relattiv, u l-applikant m'għandux ibati l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tal-*prospective employer* tiegħu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li d-deċiżjoni tal-Bord kienet ġusta u timmerita konferma, u qal li fl-ewwel lok ir-Regolament 16 tal-L.S. 217.17 mhuwiex applikabbli fil-każ odjern, għaliex dan ir-regolament jipprovdi għal proċess li jiskatta meta l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, filwaqt li f'dan il-każ l-applikazzjoni tal-applikant kienet kompluta. Qal li ladarba r-rifjut ma sarx abbażi ta' dan ir-Regolament, il-Bord ma kellu jimxi mar-rekwiżiti tiegħu u jinforma lill-applikant bil-miktub dwar xi nuqqas ta' informazzjoni jew dokumenti meħtieġa minnu. L-appellat qal li f'dan il-każ ir-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellant saret abbażi tar-Regolament 12 tal-L.S. 217.17. L-appellat spjega li wara li l-Aġenzija rċeviet l-applikazzjoni de quo, din għamlet il-konsultazzjoni interna mal-Aġenzija JobsPlus, u din tal-aħħar infurmat lil Identity Malta li l-*feedback* ipprovdut mill-*prospective employer* ma kienx sodisfaċenti. L-appellat qal li r-Regolament 12 ma jirrikjedix li hu jew xi awtorità oħra jinfurmaw lill-applikant dwar id-diliġenza dovuta li tkun qiegħda ssir, u l-appellant qiegħed ifixkel il-provvedimenti tal-liġi u japplika deċiżjonijiet oħra tal-Qorti, li qegħdin jinterpretaw Regolamenti differenti minn dawk applikabbli f'dan il-każ. L-appellat qal li għalhekk safejn ir-Regolament 16 mhuwiex applikabbli, l-aggravju tal-appellant li jolqot dan ir-Regolament speċifikament, għandu jiġi miċħud.

10. L-appellat qal li appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punti ta' liġi *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217, u li din il-Qorti ta' reviżjoni bħala prinċipju ma tindaħalx fl-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Bord. L-appellat qal li l-artikolu 25A tal-Kap. 217 jipprovdi li d-deċiżjoni tal-Bord tkun finali salv

għal dritt ta' appell fuq punt ta' liġi, u fid-dawl tal-ġurisprudenza kostanti dwar dan il-punt, l-aggravju tal-appellant mhuwiex ammissibbli safejn jirrikjedi eżami tad-deċiżjoni li ttieħdet abbażi tar-Regolament 12 tal-L.S. 217.17. L-appellat żied jgħid li l-proċess ta' diliġenza dovuta fl-eżaminazzjoni u/jew ħruġ ta' permess bħal dan, huwa proċess importanti li jsir bir-reqqa, fl-interess pubbliku u nazzjonali, u huwa għalhekk li l-leġislatur estenda dan il-proċess anki fil-konfront ta' awtoritajiet oħra konċernati permezz tar-Regolament 12 tal-L.S. 217.17. L-appellat kompla jgħid li l-Aġenzija JobsPlus, li hija l-awtorità konċernata fir-rigward tal-ħruġ ta' permessi uniċi ta' residenzi u xogħol, ma rrakkomandatx li dan il-permess jinħareġ, abbażi tal-fatt li ma kinitx sodisfatta bil-*feedback* li ngħatat mill-*prospective employer,* u għalhekk ir-rifjut tad-Direttur appellat għall-ħruġ ta' permess huwa ġustifikat. B'riferiment għall-fatt li l-appellant ma ġiex mgħarraf bid-deċiżjoni finali, l-appellat qal li għandu jirriżulta li l-applikant ma indikax l-indirizz postali tiegħu hawn Malta, u fil-fatt fejn kellu jniżżel l-indirizz, huwa kiteb '*unknown*'. L-appellat qal li l-Aġenzija Identity Malta ma kinitx mistennija li tinnotifika lill-appellant fl-indirizz fil-Bangladesh jew f'xi pajjiż ieħor, u dan minħabba li ċertament li kienet ser tiġi riskontrata problema ta' notifika. Qal li dak li kien mistenni kien li l-Aġenzija taġixxi b'mod raġonevoli u bi prinċipji amministrattivi korretti, kif għandu jirriżulta li għamlet.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Il-Qorti kkonsidrat il-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri. L-appellant huwa ċittadin minn pajjiż terz, il-Bangladesh, li applika għal *single permit* sabiex ikun jista' jiġi jaħdem f'Malta. Jirriżulta li l-appellant mela l-formula msejħa *CEA*

*Form C,* li fiha intalab informazzjoni personali, fosthom l-indirizz fiżiku tiegħu, l-indirizz elettroniku tiegħu, u l-indirizz u d-dettalji tal-*employer* prospettiv li kellu jaħdem miegħu hawn Malta. Jirriżulta li l-aġenzija JobsPlus talbet informazzjoni u dokumenti mingħand l-*employer* prospettiv tal-appellant, sabiex tistabbilixxi x-xorta ta' impjieg li dan kien qiegħed jiġi offrut hawn Malta, u għal dan il-għan talbet kopja tal-*business plan* tal-kumpannija li kellha timpjegah, kif ukoll kopja tal-*memorandum and articles* tal-istess kumpannija. Waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti ingħad mill-avukat difensur tad-Direttur appellat, li din l-informazzjoni kienet partikolarment pertinenti għaliex lill-Aġenzija JobsPlus irriżultalha li l-kumpannija li sejra timpjega lill-appellant hija *single member company*, li kienet ser timpjega disa' persuni minn pajjiż terz. Jirriżulta wkoll li l-*employer* prospettiv tal-appellant naqas milli jibgħat l-informazzjoni u d-dokumenti mitluba minnu, u kien għalhekk li l-Aġenzija JobsPlus ma rrakkomandatx li l-applikazzjoni tal-appellant tiġi milqugħha, u abbażi ta' dan l-Aġenzija Identity Malta rrifjutat l-applikazzjoni tal-appellant. L-appellant issa qiegħed jibbaża l-appell tiegħu fuq il-fatt li huwa personalment qatt ma ntalab jipprovdi xi dokumentazzjoni jew informazzjoni, u għalhekk l-Aġenzija Identity Malta u l-Bord tal-Appelli warajha, ma mxewx ma' dak li jipprovdu r-Regolament 15 u 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li essenzjalment jgħidu li l-applikant għandu jkun infurmat bil-miktub dwar jekk l-applikazzjoni tiegħu ġietx aċċettata, u għandu jinforma lill-applikant bil-miktub f'każ li jinstab li xi informazzjoni jew dokumentazzjoni li kellha tintbgħat mal-applikazzjoni, titħalla nieqsa.

12. Id-Direttur appellat wieġeb li f'dan il-każ ma japplikax ir-Regolament 16 tal-L.S. 217.17, iżda għandu japplika r-Regolament 12. L-appellat saħaq li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda ħtieġa li l-appellant ikun infurmat bit-talba li l-Aġenzija JobsPlus għamlet lill-*employer* prospettiv tiegħu, u dan għaliex id-dokumenti mitluba setgħu jiġu ppreżentati biss minn min kien ser jimpjega lill-appellant f'Malta u mhux mill-appellant innifsu. Intqal ukoll li l-applikazzjoni tal-appellant kienet waħda kompluta, u għalhekk ċertament li ma jistax jintqal li kien hemm xi informazzjoni jew dokumenti meħtieġa li kienu nieqsa u li t-talba għalihom kellha ssir lill-appellant.

13. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tad-Direttur appellat. Huwa minnu li l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni meħtieġa f'dan il-każ kellhom jiġu pprovduti mill-*employer* prospettiv tal-appellant, iżda din il-Qorti tqis li huwa ferm raġonevoli li wieħed jistenna li l-applikant, li jirriżulta li pprovda l-*email address* tiegħu fuq l-applikazzjoni ppreżentata minnu, kellu jinżamm infurmat li kienet saret talba mill-awtorità kkonċernata għall-informazzjoni, u min kellu jipprovdi din l-informazzjoni naqas milli jipprovdiha. Il-Qorti tirrileva li deċiżjonijiet bħal dawn iħallu impatt qawwi fuq il-ħajja tal-persuna li tersaq quddiem l-awtoritajiet ikkonċernati b'applikazzjoni ta' din ix-xorta. Għaldaqstant fejn għal xi raġuni l-*employer* prospettiv jonqos milli jipprovdi l-informazzjoni mitluba minnu, l-applikant għandu jiġi infurmat b'dan minnufih, bħala l-persuna l-aktar interessata fl-eżitu tal-applikazzjoni. Id-deċiżjoni li wieħed japplika sabiex jingħata permess għax-xogħol f'pajjiż terz, mhijiex deċiżjoni faċli u tħalli impatt kbir fuq il-ħajja ta' dak li jkun, u ċertament li l-appellant f'dan il-każ mhux qiegħed ikun irraġonevoli fil-pretensjoni tiegħu li

kellu jiġi nfurmat li kien hemm informazzjoni jew dokumentazzjoni li ntalbet mingħand l-*employer* prospettiv tiegħu, li baqgħet ma ġietx ipprovduta. Fi kwalunke każ din il-katina ta' komunikazzjoni żgur li setgħet tgħin lill-appellant jifforma opinjoni dwar jekk l-*employer* prospettiv kienx persuna ta' min jorbot il-futur tiegħu miegħu. L-appellat jista' jargumenta li t-test tal-liġi ma jesiġix li d-Direttur appellat jimxi b'dan il-mod, iżda fil-kamp tal-liġi amministrattiva t-test tal-korrettezza huwa bbażat fuq ir-raġonevolezza tad-deċiżjoni li tittieħed. L-appellant ma kellux jiġi rinfaċċjat b'fatt kompjut li l-informazzjoni mitluba ma kinitx ġiet ipprovduta mill-*employer* prospettiv tiegħu, u li minħabba f'hekk l-applikazzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi rifjutata. Iżda kien ikun ferm aktar raġonevoli li kieku huwa ġie notifikat minn qabel, meta seta' jagħmel pressjoni fuq l-*employer* prospettiv tiegħu sabiex jirrimedja għan-nuqqas tiegħu. Id-Direttur appellat mhux ġustifikat lanqas jargumenta li n-notifika f'pajjiż terz hija diffiċli li ssir, ladarba jirriżulta li f'dan il-każ l-appellant ipprovda l-indirizz elettroniku tiegħu fejn seta' jiġi kkuntattjat. Huwa għal dawn ir-raġunijiet li din il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant huwa ġustifikat, u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-appellant, u għaldaqstant qiegħda tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex jgħaddi għal deċiżjoni dwar it-talbiet tal-appellant, wara li jikkonsidra x'kellha xi tgħid din il-Qorti f'din is-sentenza.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Bord u ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mid-Direttur appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**